# RIFLESSJONIJIET DWAR IL-ĦAJJA




Bħas-soltu qed illaqqa' żewġ kotba li m'hemm ebda rabta bejniethom, bi stil kompletament differenti imma fihom it-tnejn sibt tema komuni: Riflessjonijiet dwar il-Ħajja.

Il-qofol ta' dan l-artiklu huwa l-ktieb riċerkat "Health, Plague, and Society in Early Modern Malta" tal-Professur Carmel Cassar. Il-ħsieb dwar dan il-ktieb huwa fdat f'idejn l-awtur, xandar u riċerkatur Dr Charles Xuereb. Il-Professur Carmel Cassar, Direttr tal-Istitut tal-Istudji Maltin fl-Università ta' Malta qed joffrielna dokumentazzjoni importanti u utili kemm dwar is-saħħa inġenerali kif ukoll dwar il-pesta. Meta jkollok ktieb bħal dan, tapprezza l-isforz kbir tal-Professur Cassar li jwasslilna din ir-riċerka b'mod li tilħaq lill-kulħadd. Hija l-ħila ta' Cassar li jikkomunika kif ukoll l-istess passjoni u mħabba lejn is-suġġett.

Ktieb ieħor li qed nippreżentalkom huwa "Natal Felice u Ġnien il-Mistrieħ" ta' Brian Bonnici. Dan b'kuntrast għal ta' qablu jikkonsisti fi storja fittizja, b'karattri frott l-immaġinazzjoni tal-awtur imma permezz tagħhom Bonnici jwasslilna bosta riflessjonijiet interessanti.

## Natal Felice u Ġnien il-Mistrieħ ta' Brian Bonnici

Biex nifhmu l-ħajja kultant irridu nesperjenzaw mumenti kemm sbieħ u kemm koroh. Tista' tinstema ironika imma esperjenzi li mhux daqshekk pożittivi jistgħu jkabbruna daqs kemm ikissruna. Jekk negħlbuhom jissaħħu. Huma dawn il-mumenti li jġgħaluna nirriflettu iktar dwar il-ħajja; tant li ġieli naraw kif persuni jsiru aktar spiritwali f'mumenti diffiċli. Nagħrfu aktar il-limitazzjonijiet tagħna bħala bnedmin. Forsi nazzarda ngħid li dgħjufija kbira li qed tikber fil-bniedem tal-lum, huwa li tant qed ngħixu wisq ħajja mingħajr sagrifiċċji li meta nħabbtu wiċċna mal-għajb jaf ma nkunux imħejjin biżżejjed. Ir-resiljenza rridu naħdmu għaliha.

Il-karattru pjuttost interessanti li għandna f'dan il-ktieb iġgħalna nirriflettu bil-bosta dwar il-ħajja. Kemm huwa kif ukoll il-karattri li jiltaqa' magħhom permezz tax-xogħol tiegħu fiċ-ċimiterju, fosthom il-kennies, l-ispettur sanitarju, il-marmista, il-patri, tal-fjuri il-fra u oħrajn. Natal kien kuntent, għalkemm ma kellu xejn: "Kemm hu sabiħ li tgħix b'xejn u fix-xejn!" (p.47). Anzi l-ħajja tagħtu bissieq mhux ftit!

It-twelid ta' Natal huwa wkoll imżewwaq bl-ironiji. Twieled fi Frar, ix-xahar tal-Karnival, festa ta' "ferħ, bluha u kuluri" (p.19). Imma "f'ħajtu ftit ra tbissim u bluha; ftit kellu x-xorti jitgħaxxaq bil-varjazzjoni ta' kuluri li hawn madwarna. L-uniku kulur li jagħraf sew hu l-iswed" (p.19). Natal fil-fatt kien dilettant kbir tal-Karnival. Twieled fi-13 ta' Frar 1950; it-tlettax huwa wkoll numru assoċjat max-xorti ħażina u orfni.

Ix-xogħol tiegħu kien wieħed partikolari. Id-deffien huwa xogħol li dejjem għandu x'jagħmel. Kulħadd irid imut.

"Il-bniedem sa mill-ewwel żminijiet tiegħu minn dejjem ħass il-ħtieġa li jżomm kuntatt mal-antenati mejtin tiegħu..." (p.105).

L-ironija tax-xogħol ta' deffien hija li minkejja li l-mewt hija kerha, fi kliemu"hi l-mewt li trodd il-frott. Għalija l-mewt ħanina għax troddli l-fatra." (p.59).

Il-mewt tħabbatna wiċċ imb'wiċċ mar-realtà tal-ħajja. U l-awtur jinqeda b'dan l-aspett biex fil-ktieb jistaqsi bosta domandi u joffri bosta riflessjonijiet dwar dak li huwa essenzjali fil-ħajja. Is-sempliċità toffri ċerta kuntentizza.

"Il-passat tal-ġenerali u r-rejiet qiegħed hemm biex jifthilna għajnejna u jurina li qatt ma għandna nitkabbru" (p.115). Fuq kollox m'għandna qatt norbtu wisq qalbna mal-ġid li toffri din id-dinja. "L-għasfur tal-bejt iqatta' ħajtu jiekol id-dud, sakemm imut u d-dud jiekol lilu" (p.115).

Dawn huma xi wħud mir-riflessjonijiet li dan il-ktieb jagħmel li jitlaq millpunt ta' storja fittizja, imma f'xi partijiet jista' jkun li l-qarrej jitfixel mar-riflessjonijiet li l-awtur jixtieq jagħmel, ħafna minnnhom ta' natura filosofika, eżistenzjali u spiritwali. Il-ktieb forsi għand ħabta li jippatronizza, karatteristika li mhux neċessarjamen tintlaqat tajjeb mal-qarrejja. F'xi partijiet saħansitra l-awtur jinqeda bl-idea ta' djarju (il-pitazz) li fih Natal kien iħażżeż il-ħsus biex iwassal ċerta filosofiji jew ħsibijiet dwar il-ħajja ngħidu aħna:

"Aħna ma niftakrux il-ġranet u l-meta, imma żgur nibqgħu niftakru l-mumenti" (p.100)

"Il-ħajja hija bħal logħba, rikba sfrenata f'park ta' divertiment...." (p.101). Normalment il-ġudizzju jiena nħallih f'idejn il-qarrejja, biss tajjeb li ninforma dwar dak li wieħed ser jistenna f'dan il-ktieb.

Element f'dan il-ktieb huwa l-karattru Mediterranju-Malti. Hawnhekk insibu fost oħrajn ir-rabta ma' San Duminku l-Belt, il-Karnival, it-twemmin b'mod ġenerali, is-superstizzjoni u ħafna oħrajn.

Natal Felice u Ġnien il-Mistrieħ huwa miktub b'mod mexxej ħafna, grazzi għal ħila ta' Bonnici li jħaddem Malti tajjeb ħafna. L-andament ta' kif tiżvolġi l-istorja jiġi mfixkel ftit bir-riflessjonijiet imma dan huwa l-istil differenti li għażel l-awtur u li jħaddan mill-bidu nett sal-aħħar.

Ktieb differenti li naħseb jappella għal dawk li jsibu serħan b'ċerta asserzjonijiet li jfakkruna dwar dak li jsawwarna bħala bnedmin.